VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,644, 14 ta' Ġunju, 2021
Taqsima B

A.L. 255 tal-2021

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Ordni tal-2021 li jemenda l-Ordni dwar l-Estensjoni tal-Projbizzjoni fuq l-Ivjaġġar lejn il-Pajjiżi Kollha (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2021 li jemenda l-Ordni dwar l-Estensjoni tal-Projbizzjoni fuq l-Ivjaġġar lejn il-Pajjiżi Kollha (Emenda Nru 2) u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar l-Estensjoni tal-Projbizzjoni fuq l-Ivjaġġar lejn il-Pajjiżi Kollha, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". L.S. 465. 26.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fis-17 ta' Ġunju 2021.

Jemenda l-artikolu 2 tal-ordni prinċipali.

2. L-artikolu 2 tal-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tieni proviso tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll persuni jistgħu jivvjaġġaw minn Malta lejn il-pajjiżi elenkati f'dan il-proviso u mill-pajjiżi elenkati f'dan il-proviso lejn Malta:

(a) l-Awstrija;
(b) Ċipru;
(ċ) ir-Repubblika Ċeka;
(d) id-Danimarka;
(e) l-Estonja;
(f) il-Finlandja;
(g) l-Ungerija;
(h) l-Iżlanda;
(i) l-Irlanda;
(j) il-Ġermanja;
(k) il-Latvja;
(l) il-Litwanja;
(m) il-Lussemburgu;
(n) in-Norveġja;
(o) l-Italja;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(p) Franza;
(q) is-Slovakkja;
(r) l-Iżvizzera;
(s) il-Greċja;
(t) il-Kroazja;
(u) Spanja;
(v) il-Polonja;
(w) il-Belġju;
(x) il-Bulgarija;
(y) l-Olanda;
(z) il-Kanada;
(aa) l-Awstralja;
(ab) New Zealand;
(aċ) il-Korea t'Isfel;
(ad) Andorra;
(ae) Monako;
(af) San Marino;
(ag) iċ-Ċina;
(ah) il-Belt tal-Vatikan;
(ai) Iżrael;
(aj) Singapor;
(ak) is-Slovenja;
(al) il-Ġappun;
(am) l-Istati Uniti tal-Amerika iżda limitata biss għall-istati li ġejjin: Washington, Oregon, Louisiana, Arizona, West Virginia, Colorado, North Dakota, Indiana, Georgia, Texas, Pennsylvania, North Carolina, Tennessee, Iowa, Nebraska, Ohio, South Carolina, New Mexico, Florida, Virginia, Maine, South Dakota, Michigan, Illinois, Delaware, Wisconsin, Puerto Rico, Hawaii, New Jersey, Minnesota, Connecticut, Alaska, New Hampshire, Maryland, New York, Rhode Island, Distrett ta' Columbia, Massachusetts, Vermont, California;
(an) it-Tajlandja;
(ao) il-Portugall;
(ap) ir-Rumanija;
(aq) il-Libanu;
(ar) l-Emirati Għarab Magħquda;
(as) it-Turkija;
(at) il-Ġordan;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(au) il-Liechtenstein;
(av) l-Iżvezja;
(aw) ir-Renju Unit:"; u

(b) fit-tielet proviso tiegħu, il-kliem "neċċessarju jew essenzjali." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "neċessarju jew essenzjali:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll il-persuni li għandhom ċertifikat tat-tilqim maħruġ f'forma uffiċjali, u fir-rigward ta' vaċċin, rikonoxxut u approvat mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jistgħu wkoll jivvjaġġaw lejn u minn Malta minn kull pajjiż ieħor elenkat mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika b'avviż fil-Gazzetta.".